MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 757/2014

**Go plc (C22334) f'isimha propju u a nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Mobisle Communications Ltd (C 24655)**

**Vs**

**Debono Joseph**
**ID. 105264M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Novembru, 2014 illi permezz tal-prezenti is-socjeta' Kummercjali GO p.l.c (C22334) ta' Triq Fra Diegu, Marsa, li qed tidher hawnhekk f'isimha propju kif ukoll a nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Mobisle Communications Limited (C24655) kif debitament awtorrizata, tinterpellak sabiex thallas is-somma ta' disa' mija u hdax-il ewro u sebgha u tmenin centezmu (€911.87), ammont dovut lill-istess Socjeta' mittenti in kwantu ghal sitt miha hamsa u sittin ewro u tmienja u disghin centezmu (€665.98) in konnessjoni ma servizzi fuq 21445488 u tat-televizjoni 1425079997 u 1452093926 (AC40103588)

flimkien ma’ mitejn hamsa u erbghin ewro u disgha u tmenin centezmu (€245.89) ma’ 79989306 (AC51000618), flimkien mal-ispejjez, imghaxijiet, u drittijiet legali.

Illi nterpellat sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvneut baqa’ inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez u d-drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali 448/11 u bl-imghaxijiet legali sa  mid-data tal-prezentata ta’ din il-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-7 ta’ Jannar, 2015 is-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tas-7 ta’ Jannar, 2015 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ disa’ mija u hdax-il ewro u sebgha u tmenin centezmu (€911.87), bl-imghaxijiet legali, sa mid-data tal-prezentata ta’ din il-kawza sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, inkluz in konnessjoni tal-ittra ufficjali 448/11, ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------